MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 948/2005

**Vincenza Aquilina (Id. Card no.332451 (M), kemm f' isimha propio kif ukoll bhala prokuratrici ghan-nom u in rapprezentanza ta' huha Joseph Calleja (numru tal-passaport 597843); Anthony Calleja (Id. Card no. 209054 (M); u Maria Vella (Id. Card no. 14420 (A)), bhala prokuratrici ghan-nom u in rappresentanza ta' ommha Carmen Jones numru tal-passaport 482948.**

**vs.**

1. **John Calleja SNR (Id. No 619439 (M)) u martu Sylvia Calleja.**

2. **John Calleja JNR. u martu Andrea Calleja Seiler.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 7 ta’ Ottubru 2005 a fol. 1 tal-process ipprezentata quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-atturi u l-konvenut John Calleja SNR huma Ikoll ahwa;

Illi l-attrici, Vincenza Aquilina, barra f'isimha proprja hija awtorizzata sabiex tagixxi, ghan-nom tal-imsemmi huha, Joseph Calleja, in virtu` ta' prokura hawn annessa u mmarkata Dok “A” u l-attrici *nomine* Maria Vella hija awtorizzata sabiex tagixxi ghan-nom tal-imsemmija Carmen Jones, ommha, in virtu` ta' prokura hawn annessa u mmarkata bhala Dok “B”;

Illi l-konvenut John Calleja SNR huwa ko-pussessur tal-fond F/H No.: 8A, Triq San Gwann tal-Gharghar, San Gwann flimkien mal-atturi, liema fond kien proprjeta' tal-genituri tal-ahwa kontendenti li wara l-mewt tal-genituri taghhom iddevolva fuqhom;

Illi l-konvenut John Calleja JNR huwa iben il-konvenut John Calleja SNR;

Illi l-konvenut John Calleja SNR ikkonceda lil ibnu, l-konvenut John Calleja JNR, b'titolu ta' lokazzjoni, l-fond F/H No.: 8A, Triq San Gwann tal-Gharghar, San Gwann, liema lokazzjoni saret bi skrittura privata tas-26 ta' Awissu 2004 bil-kera ta' Lm180 fis-sena;

Illi l-atturi saru jafu b'din il-lokazzjoni permezz ta' ittra tal-Avukat Dottor Vincent Falzon tat-23 ta' Awwissu 2005, fis-26 ta' Awwissu 2005, hawn annessa u mmarkata Dok “C”;

Illi l-atturi qatt ma taw il-kunsens taghhom ghal tali lokazzjoni u din saret *ad insaputa* taghhom u minghajr awtorizzazjoni tal-Qorti;

Illi l-konvenut John Calleja JNR, flimkien mal-mara tieghu, qieghed jokkupa l-fond minghajr il-kunsens tal-atturi;

Illi l-konvenuti, jew min minnhom, biddlu s-serratura u ghamlu modifiki fil-bini tal-fond *ad insaputa* tal-atturi u minghajr il-kunsens taghhom;

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sahansitra permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Settembru 2005 notifikata lill-konvenuti fit-23 ta' Settembru 2005 u dawn baqghu inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-lokazzjoni tal-fond F/H No.: 8A, Triq San Gwann tal-Gharghar, San Gwann bejn il-konvenuti John Calleja SNR u John Calleja JNR hija nulla skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1527 tal-Kap 16 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta** billi din saret minghajr il-kunsens tal-atturi u minghajr awtorizzazjoni tal-Qorti;

2. Tordna l-izgumbrament ta' John Calleja JNR u martu mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-Qorti;

3. Tordna li titwahhal is-serratura l-antika u jigi repristinat l-istat tal-fond kif kien qabel fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-Qorti;

4. Tordna li fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dak lilhom ordnat, l-atturi jkunu awtorizzati sabiex jaghmlu dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji a spejjez tal-konvenuti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti millum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi *pro et nomine* a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 5 sa fol 12 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-7 ta’ Frar 2006.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ John Calleja Snr u martu Sylvia u John Calleja Jnr u martu Andrea Calleja Seiler datata 26 ta’ Jannar 2006 a fol. 21 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi qabel xejn l-atturi ghandhom jaghtu prova legali tat-titolu taghhom ta’ komproprjetarji tal-fond in kwistjoni, meta xi whud minnhom huma legittimarji.

2. Illi l-azzjoni hija rritwali peress illi l-attrici Carmela Jones kellha tistitwixxi din l-azzjoni flimkien ma’ zewgha Ronald u ghalhekk il-prokura moghtija minnha lil bintha Maria Vella ma hijiex legalment sostenibbli f’din l-azzjoni.

3. Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-attrici Vincenza Aquilina kienet taf bl-okkupazzjoni tal-fond mill-eccipjent John Calleja Jnr zmien qabel ma rrregistra l-opposizzjoni taghha ghal lokazzjoni in kwistjoni.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet rigward it-tieni talba din ma hijiex legalment sostenibbli peress illi talba ghal zgumbrament minn fond ta’ propjeta` komuni tirrikjedi l-kunsens tal-komproprjetarji kollha u mhux ta’ uhud minnhom biss.

5. Illi dwar it-tielet u hames domanda l-eccipjent John Calleja Snr kellu kull dritt bhala komproprjetarju li jokkupa l-fond komuni, specjalment meta ommu, li kienet tokkupa l-fond qabel mietet taghtu c-cavetta tal-fond biex jiehu hsiebha u kien wara mewtha li biddel is-serratura biex hadd ma jidhol fil-fond u jirreka danni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 22 u 23 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit a fol. 24 sa fol 26 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2006 il-Qorti innominat bhala Perit Legali lil Dr. Marco Ciliberti sabiex jisma' x-xhieda kollha tal-kawza u jirrellata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollox a spejjez provizorjament attrici.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti bix-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokumenti kollha prezentati kif jidher minn fol. 51 sa fol.188 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti datat 27 ta' Marzu 2008 u mahluf fil-15 ta' Ottubru 2008 (fol.194 sa fol. 220)

Rat in-nota tal-atturi Vincenza Aquilina u Joseph Calleja pprezentata fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2009 (fol. 125) li permezz taghha ghan-nom taghhom cedew l-att tal-kawza fil-konfront tal-konvenuti u dan *stante* ftehim.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2009 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Karl Briffa ghall-konvenut u Dr. Mark Mifsud Cutajar ghall-atturi. Dr. Briffa talab jaghmel nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata bin-notifika lill-kontro-parti li kellu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghat-12 ta' Novembru 2009 ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti datata 27 ta' Lulju 2009 a fol. 141 tal-process.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din il-kawza kienet qed issir mill-atturi Vincenza Aquilina, Joseph Calleja, Anthony Calleja u Carmen Jones bhala ko-proprjetarji tal-fond F/H, 8A, Triq San Gwann tal-Gharghar, San Gwann, fejn qed jallegaw li l-konvenut, il-ko-proprjetarju l-iehor John Calleja SNR, kera lill-ibnu l-konvenut l-iehor John Calleja JNR, l-istess fond minghajr il-kunsens taghhom u dan permezz ta' skrittura privata datata 26 ta' Settembru 2004, u ghalhekk wara li skoprew din il-lokazzjoni biss fis-26 ta' Awissu 2005 huma ghamlu din il-kawza sabiex *ai termini* ta' l-**artikolu 1527 tal-Kap 16** jannullaw l-istess lokazzjoni u konsegwentement l-istess konvenuti John Calleja u martu jigu zgumbrati mill-istess fond u terga titqieghed is-serratura antika fl-istess fond u fin-nuqqas l-atturi jigu awtorizzati sabiex jaghmlu dawk ix-xogholijiet necessarji a spejjez tal-konvenuti.

Illi permezz ta' nota ta' cessjoni datata 5 ta' Marzu 2009 l-atturi Vincenza Aquilina u Joseph Calleja cedew l-atti tal-kawza f'isimhom u ghalhekk din l-azzjoni baqghet ferma fil-konfront tal-atturi Anthony Calleja u Carmen Jones.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-atturi u l-konvenut John Calleja Snr huma ko-proprjetarji tal-fond F/H, 8A, Triq San Gwann tal-Gharghar, San Gwann, u dan ghaliex l-istess fond kien provenjenti lill-kontendenti ahwa Calleja mill-wirt tal-genituri taghhom, u cjoe' ta' missierhom Paolo Calleja (li miet intestat) u allura sehmu mill-istess fond intiret minn uliedu kollha, u ta' ommhom skont testament datat 26 ta' Gunju 2003 (Dok. "RC1") u dan kollox kif jinsab konfermat mir-ricerki u dokumenti esebiti mill-atturi, nkluz id-dokument spjegattiv immarkat bhala Dok. "MMC2" – fol. 115) u kif dettaljatament spjegat mill-perit legali fl-ewwel paragrafu ta' pagna 17 tar-relazzjoni peritali. B'hekk jirrizulta li l-atturi kollha huma ko-proprjetarji tal-fond in kwistjoni, nkluzi l-atturi Anthony Calleja u Carmen Jones li

baqghu fil-kawza, u dan ghaliex ghandhom sehem mill-istess proprjeta' bhala eredi universali ta' missierhom. Dan apparti li l-konvenut John Calleja Snr jirrikonoxxi dan tant li xehed li sehem l-atturi mill-istess kera li jhallsu ibnu jiddepositah il-Qorti. Il-konvenut l-iehor John Calleja Jnr pprezenta cedola ta' depositu ta' kera kontra l-atturi kollha kif jidher minn kopja tal-istess esebita bhala Dok. "MMC5" (fol. 122). Barra minn dan il-provenjenza tirrizulta wkoll mill-kuntratt datat 4 ta' Marzu 2009 fl-atti tan-Nutar Romina Cuschieri (fol. 234). B'hekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni jinghad li din hija wkoll bla ebda bazi u dan peress li sehem Carmela Jones mill-istess proprjeta' huwa proprjeta' parafernali taghha u l-amministrazzjoni tal-istess tispetta lilha a bazi tal-**artikolu 1334 (1) tal-Kap. 16.** B'hekk il-prokura li saret favur bintha Maria Vella hija legalment korretta u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi wkoll michuda.

Illi hemm ukoll ir-raba' eccezzjoni fejn jinghad li sabiex tirnexxi din l-azzjoni hemm bzonn il-kunsens tal-ko-proprjetarji kollha, u dan ma huwiex hemm,  kemm ghaliex meta giet istitwita din il-kawza ovvjament John Calleja Snr ma' kienx inkluz bhala attur ( u dan ma setghax ikun mod iehor ghaliex il-kawza saret kontra tieghu ghaliex huwa kien li dahal f'kirja ma' ibnu l-konvenut l-iehor John Calleja Jnr), u issa peress li l-atturi Vincenza Aquilina u Joseph Calleja cedew l-atti tal-kawza f'isimhom ghaliex bieghu sehemhom mill-istess proprjeta' lill-konvenuti John Calleja Jnr u lill-martu Andrea Calleja.

Illi izda din l-eccezzjoni hija bla ebda fundament legali u dan peress li tali azzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1527 tal-Kap 16** hija disponibbli ghal kull ko-proprjetarju u dan kif deciz fis-sentenzi **"Dr. Alexander Briffa et vs Lawrence J. Sullivan"** (A.C. – 25 ta' Frar 1957 u **"Edward Stilon et vs Anthony Mizzi et"** (P.A. (RCP) – 29 ta' Mejju 2001) u din il-Qorti thoss li tenut kont tan-natura tal-kawza odjerna, fejn l-atturi ma' kienux involuti fil-lokazzjoni favur il-konvenut John Calleja Jnr, mela allura tali azzjoni tista, u skont id-disposizzjonijiet tal-

ligi tista, tigi esperita u tispetta anke lil wiehed biss mill-ko-proprjetarji u hawn issir riferenza ghas-sentenzi **“David Darmanin vs Maria Darmanin”** (P.A. (TM) – 20 ta’ Ottubru 2005); **“Raymond Parnis nomine vs S.R. Woodwork Limited”** (P.A. (PS) – 17 ta’ Novembru 2003) u **“Adelaide Ellul et vs Modern Crown Stoppers Limited”** (A.I.C. (PS) – 12 ta’ Novembru 2003) u **“Federica Ciappara vs Carmelo Caruana”** (A.C. – 20 ta’ Jannar 1961) u dan in kwantu kkonfermaw dak ritenut fis-sentenzi **“Peralta vs Wirth”** (A.C. 16 ta’ Novembru 1949); **“Zammit vs Saliba” (**A.C. – 1 ta’ Dicembru 1930); **“Scicluna vs Schembri”** (A.C. 27 ta’ Lulju 1983); **“Sammut vs Vella”** (A.C. 26 ta’ Ottubru 1983); **“Albani vs Scicluna”** (A.C. 2 ta’ Gunju 1988); **“Bianco vs Agius”** (A.C. 25 ta’ Frar 1999); **“Ritchie et vs Dimech”** RRB – 15 ta’ Frar 2000; u **“Chetcuti vs Chetcuti”** – RRB – 30 ta’ Jannar 2001). F’dan il-kaz anke minhabba l-artikolu tal-ligi u wkoll in-natura tal-kaz, u anke kif spjegat mill-perit legali, din l-eccezzjoni hija infondata legalment u qed tigi michuda.

Illi dwar l-azzjoni attrici jirrizulta li din saret a bazi tal-**artikolu 1527 tal-Kap 16** li jipprovdi li:

“*Il-kiri li jsir minn wiehed mill-kom-pussessuri tal-haga, minghajr awtorizzazzjoni b’sentenza tal-Qorti kompetenti jew minghajr il-kunsens ta’ xi wiehed mill-kom-pussessuri l-ohra, jista’ fuq talba ta’ dan il-kom-pussessur l-iehor, jigi annullat, kemm-il darba din it-talba ssir fi zmien xahrejn minn dak in-nhar li dan il-kom-pussessur l-iehor ikun sar jaf b’dak il-kiri.”*

Illi abbazi tal-istess jidher car li t-terminu ta’ xahrejn jibda jiddekorri mhux mid-data tal-istess skrittura, izda minn dak in-nhar li l-ko-proprjetarji jew kom-pussessuri jsiru jafu bil-kirja lamentata, u mill-atti processwali jirrizulta li l-atturi saru jafu bil-kirja li saret mill-konvenut John Calleja Snr favur ibnu l-konvenut John Calleja Jnr permezz ta’ skrittura privata datata 26 ta’ Awissu 2004, biss permezz ta’ ittra tal-Avukat Dr. Vincent Falzon datata 23 ta’ Awissu 2005 (Dok. “C” – fol. 12) li kien qed jirrispondi ghall-ittra legali datata 19 ta’ Awissu 2005 fejn il-konvenut John

Calleja Jnr gie interpellat mill-atturi kollha li ghamlu l-kawza sabiex jizgombraw mill-fond *de quo*.

Illi fil-fatt jirrizulta mill-provi li l-kontendenti ahwa Calleja kienu f'diskussjonijiet bejniethom ghar-redazzjoni u pubblikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet *causa mortis* konsegwenti ghall-mewt ta' ommhom, u fil-fatt minhabba disgwid bejniethom kienu saru wkoll denunzji separati datati 15 u 16 ta' Settembru 2004, u f'dan il-perjodu xi whud mill-partijiet kienu accedew fil-fond *de quo* li sa dak iz-zmien ma kienx okkupat minn John Calleja Jnr. Illi jirrizulta li fit-18 ta' Awissu 2005 Vincenza Aquilina kienet marret fl-ufficju tal-Korporazzjoni Enemalta sabiex taghmel verifika tal-kontijiet tad-dawl u ilma li l-konvenut ma kienx qed jaghddilha u sabet li l-kontijiet ma kienux qed jinhargu f'isem l-eredi ta' ommha Giovanna Calleja, izda f'isem John Calleja, u kien hawn li hija cemplet lill John Calleja Snr u ghall-ewwel darba infurmaha bil-kirja li huwa ghamel wahdu u minghajr l-atturi favur ibnu. B'dan hija avzat lill huha Anthony Calleja, u wara inbaghatet ittra legali datata 19 ta' Awissu 2005 lill-konvenut u dak in-nhar stess sabet li s-serratura tal-fond *de quo* kienet inbidlet b'mod li ma setghatx taccedi ghall-istess fond. Dan jinsab ikkoroborat mix-xhieda tal-atturi u adirittura mill-konvenut John Calleja Snr stess li sostna li kien fis-sajf tal-2005 li Vincenza kienet staqsietu dwar il-kontijiet u huwa jghid li *"kien dak il-mument illi jiena kont informajtha illi jien kont krejt il-fond lit-tifel tieghi".* Mill-bqija din il-Qorti tirreferi ghal dak kollu li ntqal fir-relazzjoni peritali dwar dan il-punt (nkluz dak kontenut f'pagna 22, 23 u 24 tal-istess rapport) u ghalhekk it-tielet eccezzjoni qed tigi michuda peress li jirrizulta li c-citazzjoni attrici giet prezentata fit-terminu indikat fl- **artikolu 1527 tal-Kap. 16.**

Illi fil-fatt jinghad li skont l-insenjamenti tas-sentenza fl-ismijiet **"Giuseppa Agius et vs Paolo Farrugia et"** (A.C. – 26 ta' Mejju 1958) *"il-piz tal-prova tax-xjenza tal-kiri fil-kompossessur instanti ghandhu jippruvaha min jallega dik ix-xjenza, jigifieri l-konvenuti……u fil-kaz li din il-prova ma tkunx adegwata, jew anki fil-kaz ta' dubju, l-allegata xjenza ghandha tkun respinta". "Fil-kaz in disamina, l-prova li ressqu l-konvenuti ma hija xejn hlief konferma ta'*

*dak li jghidu l-atturi li sad-19 ta' Awissu 2005, l-atturi ma' kellhomx hjiel tal-kirja tal-konvenut John Calleja Snr. favur ibnu John Calleja Jnr….".*

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni din hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li fl-ewwel lok dak allegat f'din l-eccezzjoni ma giex ippruvat u ma jirrizultax, u fit-tieni lok l-azzjoni odjerna hija dwar l-ezistenza tal-kirja msemmija. Mill-bqija din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad f'din is-sentenza u fir-relazzjoni peritali fejn jirrizulta mill-provi li l-atturi kollha saru jafu bil-lokazzjoni attrici fit-terminu indikat mill-ligi u ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar il-hames eccezzjoni jinghad li ghal dak li jirrigwarda John Calleja Snr, dan bhala ko-proprjetarju jista' juza l-fond biss a bazi tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 491 (1) (b),** u bla ma jimpedixxi lill-ko-proprjetarji l-ohra milli jinqdew bl-istess fond **("Raymond Parnis noe vs S.R. Woodwork Limited"** u l-azzjoni ta' zgumbrament saret fil-konfront tal-konvenuti John Calleja Jnr u martu Sylvia Calleja u ghalhekk anke din il-hames eccezzjoni qed tigi michuda wkoll.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tasjteni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fil-konfront tal-atturi Vincenza Aquilina u Joseph Calleja in vista tan-nota ta' cessjoni taghhom datata 5 ta' Marzu 2009, fil-konfront tal-atturi l-ohra tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u **tilqa' t-talbiet attrici** fil-konfront tal-atturi l-ohra li baqghu fil-kawza biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-lokazzjoni tal-fond F/H No.: 8A, Triq San Gwann tal-Gharghar, San Gwann bejn il-konvenuti John Calleja SNR u John Calleja JNR hija nulla skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1527 tal-Kap 16 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta** billi din saret

minghajr il-kunsens tal-atturi u minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti;

2. Tordna l-izgumbrament ta' John Calleja JNR u martu mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

3. Tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jwahhlu s-serratura l-antika u dan taht id-direzzjoni u sorveljanza tal-espert gudizzjarju Vincent Ciliberti li qed jigi nominat ghal tali skop a spejjez tal-konvenuti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba inkwantu gie mitlub li l-konvenuti jirrepristinaw il-fond fl-istat li kien qabel u dan peress li ma saret l-ebda prova dwar l-istat tal-fond precedentement ghall-kirja.

4. Fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dak lilhom ordnat fit-terminu hawn prefiss f'din is-sentenza din il-Qorti qed tawtorizza lill-atturi li ghadhom f'din il-kawza sabiex jaghmlu dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji sabiex l-istess imsemmija atturi jkollhom access ghall-istess fond u dan billi tinbidel is-serratura tal-istess fond, u tinghata kopja tac-cavetta tal-istess lill-atturi li ghadhom fil-kawza u lill-ko-proprjetarji kollha tal-istess fond, u dan kollox taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-espert gudizzjarju Vincent Ciliberti li qed jigi nominat ghal tali skop a spejjez tal-konvenuti, u tali xogholijiet kollha jsiru a spejjez tal-istess konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti hlief ghal dawk tal-atturi Vincenza Aquilina proprju u Joseph Calleja li ghandhom ihallsu l-ispejjez taghhom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------